

RAKKOMANDAZZJONIJIET

KUMMISSJONI

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Frar 2009

dwar l-implimentazzjoni ta' sistema ta' Kontabilità u Kontroll ta' Materjal Nukleari minn operaturi ta' installazzjonijiet nukleari

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 785)

(2009/120/Euratom)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

B'DAN TIRRAKKOMANDA:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 77 u l-Artikolu 124 tiegħu,

- (1) Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 302/2005 tat-8 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni ta' salvagwardji tal-Euratom ⁽¹⁾ iddefinixxa n-natura u l-firxa tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 79 tat-Trattat tal-Euratom sabiex dawn jippermettu ġustifikazzjoni tal-minerali, materjali tas-sors u materjali fissili speċjali użati jew prodotti.
- (2) Billi l-Artikolu 7 tar-Regolament (Euratom) Nru 302/2005 jeħtieġ li l-operaturi nukleari jżommu sistema ta' kontabilità u kontroll għall-materjali nukleari, u jstipula xi rekwiżiti għal sistema bħal din.
- (3) Billi d-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni intitolat "Implimentazzjoni tas-Salvagwardji tat-Trattat tal-Euratom" (IETS) ⁽²⁾, jinkludi l-ħtieġa li l-Kummissjoni tfassal qafas ta' referenza għal sistemi ta' kontabilità u kontroll ta' kwalità għolja għall-materjal nukleari (NMAC). Huwa jiddikjara wkoll li l-verifika tas-sistemi NMAC tal-operaturi nukleari se tkun waħda mill-attivitajiet superviżorji tal-Kummissjoni.
- (4) Billi l-Assoċjazzjoni Ewropea għar-Riċerka u l-Iżvilupp ta' Salvagwardji (ESARDA) fl-2007 ppreżentat Linja Gwida għal Prattika Tajba fis-Sistemi ta' Kontabilità u Kontroll tal-Materjali Nukleari li tittratta l-elementi tas-sistema NMAC li jistgħu jiġu verifikati u l-kriterji possibbli biex tiġi indikata prestazzjoni ta' kwalità f'kull wieħed minn dawn l-elementi.

Taqsim 1 – Għan u Ambitu

Din ir-Rakkomandazzjoni tiddekrivi l-karatteristiċi ta' referenza ta' sistema NMAC ta' operatur li tikkonforma mal-obbligi legali tar-Regolament (Euratom) Nru 302/2005. Uħud mill-karatteristiċi deskritti f'din ir-Rakkomandazzjoni huma rilevanti biss għal faċilitajiet b'attivitajiet korrispondenti ⁽³⁾.

Taqsim 2 – Termini u Defnizzjonijiet

1. "Konteniment" huwa karatteristika strutturali ta' faċilità, kontenitur jew apparat li tintuża biex tistabbilixxi l-integrità fiżika ta' żona jew oġġett (inklużi tagħmir jew dejta dwar salvagwardji) u biex tinżamm il-kontinwità tal-għerf taż-żona jew tal-oġġett billi jiġi impedit l-aċċess mhux individwat għal, jew il-moviment ta' materjal nukleari jew materjal ieħor, jew l-interferenza mal-oġġetti kontenuti. Eżempji huma l-ħitan ta' kamra għall-ħażna jew ta' pixxina għall-ħażna, il-flieken tat-trasport u l-kontenituri għall-ħżin.

2. "Azzjoni korrettiva" tfisser azzjoni biex tiġi eliminata l-kawża ta' diskrepanza, anomalija jew sitwazzjoni oħra mhux mixtieqa fin-NMAC. Azzjoni korrettiva tittieħed biex jiġi evitat is-seħħ mill-ġdid tal-istess nuqqas. Hemm differenza bejn korrezzjoni u azzjoni korrettiva.

3. "Ipproċessar tad-dejta" huwa l-kollegament bejn il-ħolqien tar-riżultati tal-kejl u d-dejta għall-ittraċċar tal-materjali u l-produzzjoni ta' firxa ta' rapporti regolatorji, dokumenti li jsostnu l-verifika tal-Euratom u dokumenti ta' ħidma interni marbuta mal-ittraċċar tal-materjali mill-faċilità nfisha.

⁽¹⁾ ĠU L 54, 28.2.2005, p. 1.

⁽²⁾ SEC(2007) 293.

⁽³⁾ Ir-referenzi għall-ittestjar tal-kejl u tal-bilanċ materjali se jkunu irrilevanti f'faċilità ta' oġġetti li ma tinvolti l-ebda kejl.

4. “Kontroll tal-inventarju” mill-operatur nukleari huwa programm ta’ kontroll tal-kwalità immirat sabiex jiżgura qbil bejn ir-rekords u s-sitwazzjoni fiżika f’ħin xieraq. Il-kontroll tal-inventarju għandu jinkludi s-soluzzjoni u r-rappurtar tad-diskrepanzi misjuba kif ukoll ir-rikonċiljazzjoni ma’ kontijiet lokali u kontijiet ċentrali oħra.
5. Il-“Lista tal-Oġġetti fl-Inventarju” (LII) hija lista sħiħa ta’ oġġetti ta’ materjal nukleari (NM) f’żona ta’ bilanċ materjali (MBA) jew post speċifikat fi ħdan l-MBA prodotta b’riżultat tal-applikazzjoni ta’ proċedura ta’ installazzjoni. Il-lista tista’ tinkludi materjal li huwa mmaniġġat bħala lott. Il-lista għandha tinkludi l-identitajiet u l-postijiet tal-oġġetti jew il-lottijiet. Il-valuri tal-massa u karatteristiċi oħra tal-oġġetti jew lottijiet għandhom ikunu jistgħu jiġu traċċati.
6. “Test tal-bilanċ materjali” ifisser il-metodu li bih jitkejjel il-valur tal-bilanċ materjali; billi tiġi kkunsidrata l-istima ġustifikata tal-inċertezza tal-kejl, it-test tal-bilanċ għandu jiddeċiedi jekk il-bilanċ huwiex aċċettabbli jew le.
7. “Diskrepanza fil-bilanċ materjali” tfisser valur ta’ bilanċ materjali li mhux aċċettat mit-test tal-bilanċ materjali.
8. “Kejl” tfisser l-attività biex tiġi stabbilita l-kwantità u l-karatterizzazzjoni tal-materjal nukleari indikat.
9. “Kontabilità u kontroll tal-materjal nukleari” (NMAC) tfisser l-attivitajiet kollha f’installazzjoni nukleari dwar il-kontabilità u l-kontroll ta’ materjal nukleari, fosthom l-istabbiliment u l-i-proċessar tad-dejta u r-rappurtar lill-Kummissjoni.
10. “Diskrepanza fin-NMAC” tfisser kull diskrepanza bejn biċċtejn informazzjoni jew aktar dwar NMAC (eż. rekords) meta din id-diskrepanza ma tkunx tista’ tiġi ġġustifikata wara li tiġi kkunsidrata varjazzjoni leġittima fil-kejl jew stima leġittima tal-inċertezza. Id-diskrepanzi fin-NMAC jinkludu diskrepanzi fil-kejl, diskrepanzi fil-bilanċ materjali u diskrepanzi fil-kontroll tal-materjal nukleari.
11. “Anomalija fin-NMAC” hija diskrepanza fin-NMAC jew sensiela ta’ diskrepanzi li huma konsistenti man-nuqqas jew kisba ta’ ammont sinifikanti ta’ materjal nukleari. Anomalija fin-NMAC tista’ tinstab waqt investigazzjoni ta’ diskrepanzi fin-NMAC ta’ kwalunkwe tip.
12. “Diskrepanza fil-kontroll ta’ materjal nukleari” tfisser nuqqas ta’ konformità fl-identifikazzjoni jew fil-post ta’ materjal nukleari.
13. “Traċċar ta’ materjal nukleari” tfisser id-dokumentazzjoni tal-identifikazzjoni, il-movimenti, il-post u l-karatteristiċi bażiċi ta’ kull oġġett ta’ materjal nukleari fl-MBA. B’mod partikolari, l-ittraċċar jinkludi rekords operattivi li huma l-bażi għal tqegħid mill-ġdid fl-ottijiet, kejl ġdid, id-differenza bejn min jibgħat u min jirċievi u d-dikjarazzjonijiet dwar tibdil fil-kategorija.
14. “Operatur nukleari” tfisser persuna jew impriża li tistabilixxi jew topera installazzjoni għall-produzzjoni, is-separazzjoni, l-i-proċessar mill-ġdid, il-ħażna jew użu ieħor ta’ materjal tas-sors jew materjal fissili speċjali. It-terminu jintuża wkoll biex jirreferi għall-organizzazzjoni li finalment hija responsabbli għall-konformità tan-NMAC mar-Regolament (Euratom) Nru 302/2005.
15. “Indikatur tal-prestazzjoni” jfisser indikatur ewlieni tal-livell miksub minn individwu, tim, organizzazzjoni, jew azzjoni.
16. “Tweqqi tal-Inventarju Fiżiku” (PIT) ifisser il-proċess li bih tiġi prodotta lista kompleta tal-oġġetti ta’ materjal nukleari għall-MBA bħala bażi li biha tkun tista’ ssir verifika tal-inventarju fiżiku mill-isperturi tal-Kummissjoni.
17. “Verifika tal-Inventarju Fiżiku” (PIV) tfisser attività ta’ spezzjoni li tivverifika l-validità tat-tweqqi tal-inventarju fiżiku mill-operatur u tagħlaq il-perjodu tal-bilanċ materjali. Il-bażi għall-PIV hija l-lista tal-oġġetti fl-inventarju (LII) mħejjija mill-operatur. Id-dejta tal-LII tiġi korrelatata mar-rapporti dwar l-affarijiet elenkati fl-inventarju fiżiku.
18. “Kontroll tal-Kwalità” (QC) ifisser kontroll imfassal biex jiżgura li r-rekwiżiti tal-kwalità jiġu sodisfatti.
19. “Sistema ta’ Ġestjoni tal-Kwalità” tfisser attivitajiet ikkoordinati biex imexxu u jikkontrollaw organizzazzjoni fir-rigward tal-kwalità.
20. “Assigurazzjoni tal-Kwalità” (QA) tfisser il-parti tas-Sistema ta’ Ġestjoni tal-Kwalità li tiffoka fuq l-għoti ta’ fiduċja fir-rigward tas-sodisfazzjon tar-rekwiżiti tal-kwalità.
21. “Traċċabilità” tfisser il-ħila li tiġi ttraċċata l-istorja, l-applikazzjoni u l-post ta’ dak li jkun qed jiġi kkunsidrat.

Taqsim 3 – Il-Ġestjoni ta' Sistema ta' NMAC

L-Organizzazzjoni u r-Responsabbiltajiet

1. L-amministrazzjoni superjuri għandha tiżgura li r-responsabbiltajiet u l-awtoritajiet ikunu definiti u kkomunikati fi ħdan l-organizzazzjoni. Għandu jinħatar membru tal-amministrazzjoni li, irrISPETTIVAMENT minn responsabbiltajiet oħra, għandu jkollu r-responsabbiltà li kull sena jiżgura lill-uffiċjal eżekuttiv prinċipali, bil-miktub, li s-sistema kollha ta' NMAC hija xierqa għall-għanijiet tagħha.

2. Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-amministrazzjoni meħudin flimkien għandhom jinkludu wkoll proċeduri organizzattivi u mudelli ta' komunikazzjoni li:

- (a) Jittrasmettu informazzjoni dwar il-prestazzjoni tan-NMAC kemm b'mod ġerarkiku kif ukoll tul oqsma funzjonali ta' responsabbiltà.
- (b) Jassenjaw responsabbiltajiet għat-titjib tan-NMAC fuq il-bażi ta' kriterji sabiex ikun magħruf meta huwa meħtieġ titjib.
- (c) Jipprovdu lill-Amministratur tan-NMAC b'informazzjoni dwar anormalitajiet fin-NMAC.
- (d) Jiżguraw li l-persunal involut f'attivitajiet ta' NMAC ikollu l-kompetenzi adattati.
- (e) Jiżguraw għarfien xieraq tal-obbligi legali fir-rigward tas-salvagwardji.

Ġestjoni u Kontroll tal-Kwalità

3. Il-kompiti prinċipali għandhom jinkorporaw l-assigurazzjoni tal-kwalità u miżuri għall-kontroll tal-kwalità. L-objettivi ta' dawn il-miżuri għandhom jinkludu:

- (a) Tnaqqis tar-riskju intrinsiku tal-iżbalji umani.
- (b) Assigurazzjoni tal-ħidma korretta tal-istrumentazzjoni u s-software.
- (c) Provediment ta' varjetà ta' indikaturi mfassla biex jiġbdu l-attenzjoni tat-tmexxija għal kwalunkwe sinjal ta' prestazzjoni inadegwata (indikaturi tal-prestazzjoni).
- (d) Valutazzjoni interna bil-għan li jinstabu każijiet ta' prestazzjoni ħażina.
- (e) Mekkaniżmu ta' azzjoni korrettiva għal każijiet ta' prestazzjoni ħażina.

Taqsim 4 – Il-Kejl u l-Kontroll tal-Kejl

Il-Programm tal-Kejl

1. Fejn isir kejl, għandu jiġi stabbilit programm sabiex jipprovdi kwantifikazzjoni u karatterizzazzjoni li tkun eżatta u

preċiża kemm jista' jkun tal-materjal li għandha ssir referenza għalih fid-dikjarazzjonijiet tal-kontabilità. L-attivitajiet tal-kejl għandhom jitwettqu sabiex jipprovdu traċċabilità f'każ ta' investigazzjoni ta' anomalija. L-attivitajiet tal-kejl għandhom jinkludu l-kejl tal-materjal iżda wkoll il-proċessi li bihom il-materjal imkejjel jintgħażel bħala rappreżentattiv ta' sett ta' materjal u t-trattament suċċessiv kollu ta' dan il-materjal kampjun (teħid tal-kampjun, bgħit tal-kampjun u preparazzjoni) u l-proċessi meħtieġa għat-trattament tad-dejta. Huwa għandu jinkludi wkoll attivitajiet ta' kejl meħtieġa għall-kontroll tal-kejl u l-assigurazzjoni tal-kwalità.

Ir-Rekwiżiti tad-Dejta dwar il-Kontabilità

2. Sabiex tkun żgurata prestazzjoni xierqa tal-kejl, għandhom jiġu kkunsidrati dawn li ġejjin:

- (a) Il-validazzjoni tal-metodi ta' kejl applikati.
- (b) It-traċċabilità tar-riżultati tal-kejl.
- (c) Il-preċiżjoni u l-eżattezza.
- (d) Li kull riżultat ta' kejl jiġi approvat minn persuna responsabbli.
- (e) Li t-teħid ta' kampjuni jkun rappreżentattiv tal-materjal.

3. F'każijiet fejn id-dejta tal-kontabilità tkun ibbażata fuq kalkoli li ma jkunux kejl dirett, il-valuri għandhom jiġu validati, traċċabbli u approvati. Rekwiżiti simili japplikaw għall-għadd tal-oġġetti.

Kontroll tal-Kejl

4. Għandu jkun hemm programm ta' kontroll tal-kejl sabiex jiżgura l-validità tar-riżultati tal-kejl u l-inċertezzi tagħhom użati għad-dikjarazzjonijiet tal-kontabilità.

5. Il-programm għall-kontroll tal-kejl għandu jinkludi:

- (a) Miżuri sabiex jiżguraw li l-istrumentazzjoni qiegħda tiffunzjona kif meħtieġ.
- (b) Assigurazzjoni li l-valuri tal-massa tal-kontabilità huma ħielsa minn kull preġudizzju sinifikanti ta' kejl u li l-inċertezza tal-kejl hija stmata b'mod xieraq.
- (c) Rekords tad-dejta kollha tal-programm għall-kontroll tal-kejl.
- (d) Deskrizzjoni tal-apparat u l-metodi tal-kejl.
- (e) Approvazzjoni tal-proċeduri tal-kejl.

Taqsim 5 – L-Ittraċċar tal-Materjal Nukleari

1. L-ittraċċar tal-materjal nukleari għandu jiddokumenta kwalunkwe moviment ta', u l-post ta' kull oġġett ta' materjal nukleari. Huwa għandu jimplika wkoll għarfien tal-karatteristiċi tal-materjal u l-konteniment tiegħu. Kull azzjoni li tinvolvi materjal nukleari li jaffettwa l-post, l-identifikazzjoni, in-natura jew il-kwantità tal-materjal nukleari għandha tiġi dokumentata. B'mod partikolari, l-ittraċċar ta' materjal nukleari għandu jinkludi rekords li huma l-bażi għal tqegħid flottijiet ġodda, kejl ġdid, id-differenza bejn min jibgħat u r-riċevitur u d-dikjarazzjonijiet dwar bdil fil-kategorija.

L-identità

2. Fejn ikun prattiku, il-materjal nukleari għandu jkun f'kontenituri li jkollhom identità unika reġistrata. Meta l-materjal nukleari ma jkunx f'kontenitur li jista' jiġi trasportat, jista' jiġi kkunsidrat post ta' proċess delimitat sewwa kemm bħala l-identità tal-"kontenitur" kif ukoll bħala l-post tal-kontenitur/materjal. Dan jinkludi materjal f'reċipjenti ta' proċess jew tagħmir ieħor. L-identitajiet tal-kontenituri għandhom ikunu permanenti u li jistgħu jinqraw malajr għall-kontroll mal-inventarju. Jekk ikun meħtieġ li tinbidel l-identità tal-oġġett, għandha tiġi rreġistrata r-rabta bejn l-identità l-qadima u l-identità l-ġdida. Jekk il-materjal nukleari jkun f'xi forma ta' kontenitur doppju, in-natura u l-karatteristiċi tal-materjal fi kwalunkwe kontenitur jew post għandhom ikunu traċċabbli permezz ta' kontroll tal-identifikazzjoni.

L-Identifikazzjoni tal-Post ta' Ħażna

3. Il-postijiet fejn jista' jinżamm il-materjal nukleari għandu jkollhom identitajiet li jkunu ta' bażi għar-reġistrazzjoni tal-post u t-trasferimenti tal-materjal. Fejn ikun xieraq, għandhom jissemmew pożizzjonijiet speċifiċi ġewwa żoni, bħala parti mill-ispeċifikazzjoni tal-post eżatt. Ir-rekords għall-kontroll tal-ħażna għandhom jiżguraw li l-identitajiet tal-kontenuti ta' kull post ta' ħażna jkunu magħrufa u li jista' jiġi derivat il-post ta' kull oġġett identifikat. In-natura u l-karatteristiċi tal-materjal f'kull post għandhom ikunu disponibbli permezz ta' kontroll tal-identifikazzjoni jew mezzi oħra.

L-Ittraċċar tal-Materjal waqt il-Produzzjoni

4. Meta materjal nukleari jidħol fi proċess (jew jiġi ppakkjat mill-ġdid), ir-rekords tal-produzzjoni għandhom jippermettu l-identifikazzjoni tal-oġġetti li minnhom iddaħħal il-materjal fil-proċess (jew f'kontenituri ġodda). Dan huwa maħsub sabiex jipprovi traċċabilità tal-karatteristiċi nukleari rilevanti tal-materjal fil-proċess.

Ir-rekords tal-produzzjoni għandhom jispeċifikaw l-ammont ta' materjal alimentat fil-proċess jew ippakkjat mill-ġdid u, kif imsemmi, għandha tinżamm it-traċċabilità tal-informazzjoni relatata man-natura tal-materjal nukleari.

Meta jinħolqu oġġetti ġodda jew settijiet ta' materjal b'riżultat tal-ipproċessar jew l-ippakkjar mill-ġdid, għandhom jiġu stabbiliti valuri tal-massa u identitajiet għal dawn l-oġġetti u l-identità tagħhom għandha tiġi kollegata mar-riżultati rilevanti tal-massa u l-istorja tal-kejl.

Il-Kontroll tal-Inventarju

5. Il-kontroll tal-inventarju mill-operatur nukleari għandu:
 - (a) Jiżgura li t-trasferimenti kollha ta' materjal nukleari mill-imħażen għaż-żoni ta' proċess u viċi versa jiġu reġistrati (Punti Prinċipali ta' Kejl, KMP).
 - (b) Jivverifika regolarment li r-rekords tal-ħażniet jaqblu mar-rekords tal-fluss tal-KMP, ir-rekords tal-post ta' ħażna u r-rekords tal-ipproċessar, u jirrikonċilja regolarment ir-rekords lokali u r-rekords ċentrali tal-MBA.
 - (c) Jikkunsidra r-rekords operattivi tal-miżuri ta' kontroll tal-inventarju li jiżguraw il-kontinwità tal-għerf dwar il-kontenut ta' materjal nukleari tal-oġġetti.
 - (d) Jivverifika regolarment li l-informazzjoni dwar il-materjal preżenti taqbel mar-realtà fiżika.
 - (e) Isolvi u jirrapporta diskrepanzi misjuba u rikonċiljazzjoni ma' kontijiet lokali oħra jew kontijiet ċentrali.

F'każ ta' trasferiment ta' materjal nukleari li ma jkunx trasferiment ta' oġġett kontenut, għandu jitkejjel l-ammont tal-materjal tat-trasferiment.

Il-Ġestjoni tad-Diskrepanzi

6. L-installazzjoni għandu jkollha approċċ li jirrikonoxxi u jinvestiga diskrepanzi fin-NMAC, u jiddokumenta t-ttrattament tagħhom. L-approċċ għandu:
 - (a) Jindika għal kull tip ta' diskrepanza, l-azzjonijiet investigattivi li għandhom jittieħdu u l-kundizzjonijiet f'kull każ li huma kkunsidrati li jsolvu d-diskrepanza. L-azzjonijiet li għandhom jittieħdu għandhom jinkludu r-responsabbiltajiet tal-persunal u d-dejta addizzjonali li għandha tintuża.
 - (b) Jagħmel il-korrezzjoni xierqa tar-rekords u dikjarazzjonijiet regolatorji meta tkun issolviet diskrepanza.
 - (c) Iżomm rekord meta diskrepanza tibqa' mhux solvuta u l-azzjoni meħuda biex tissolva.

Il-Ġestjoni tal-Anomaliji

7. L-installazzjoni għandu jkollha approċċ fis-seħħ li jikkorrispondi mal-obbligi ta' rappurtar skont l-Artikolu 6 u l-Artikolu 16 (Rapporti speċjali) tar-Regolament (Euratom) Nru 302/2005. Minbarra l-ġestjoni tad-diskrepanzi deskritta fil-punt 6 tat-Taqsima 5 ta' din ir-Rakkomandazzjoni, l-approċċ għandu:

- (a) Jirrikonoxxi, jinvestiga u jiddokumenta t-trattament ta' anomaliji fin-NMAC li jikkorrispondu mal-Artikolu 15(a) tar-Regolament (Euratom) Nru 302/2005. Dawn l-investigazzjonijiet tan-NMAC għandhom ifittxu li jistabbilixxu fil-waqt propizju l-evidenza ta' kontabilità li turi li l-materjal kollu huwa rappreżentat.
- (b) Jirrikonoxxi, jinvestiga u jiddokumenta t-trattament ta' sitwazzjonijiet oħra li jikkorrispondu mal-Artikolu 15(b) tar-Regolament (Euratom) Nru 302/2005.
- (c) Jiddefinixxi r-responsabbiltajiet tal-persunal u l-forma ta' komunikazzjoni interna meħtieġa meta jkun hemm bżonn ta' azzjonijiet skont l-Artikolu 15(a) jew (b) tar-Regolament (Euratom) Nru 302/2005. L-approċċ għandu jiddefinixxi wkoll il-mekkaniżmi li bihom il-persunal se jinforma lill-Kummissjoni.
- (d) Jiddefinixxi r-responsabbiltajiet u l-awtorità tal-persunal sabiex jipprovdu "aktar dettalji jew spjegazzjonijiet" meta mitlub skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (Euratom) Nru 302/2005.

Taqsim 6 – L-Ipproċessar u l-Kontroll tad-Dejta

1. Għandha tiġi implimentata sistema għall-ipproċessar tad-dejta li tipproduċi:

- (a) Ħażna sikura u protetta tad-dejta kollha meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-sistema tan-NMAC.
- (b) Id-dikjarazzjonijiet meħtieġa mir-Regolament (Euratom) Nru 302/2005 (rapporti dwar tibdil fl-inventarju, rapporti dwar il-bilanċ materjali, oġġetti elenkati fl-inventarju fiżiku, rapporti speċjali, notifikati avvanzati).
- (c) Devjazzjoni standard tal-bilanċ materjali għat-testijiet tal-bilanċ materjali (jekk meħtieġ).
- (d) Diversi tipi ta' dokumenti marbuta ma' dikjarazzjonijiet ta' tibdil fl-inventarju (IC) bħal dokumentazzjoni tal-kunsinni.
- (e) Dokumenti ta' ħidma għall-kontroll ta' rutina tal-inventarju.
- (f) Dokumenti ta' ħidma għall-PIT.
- (g) Lista tal-oġġetti fl-inventarju li jirriżultaw minn PIT u użati waqt PIV jew verifika oħra.

2. Għandu jkun hemm fis-seħħ proċeduri tal-ipproċessar tad-dejta biex jikkoreġu rekords u jiġġeneraw dikjarazzjonijiet ta' korrezzjoni kif meħtieġa għal kwalunkwe sitwazzjoni fejn tkun instabet diskrepanza. Għandha tinżamm it-traċċabilità waqt dawn il-proċessi ta' korrezzjoni. Il-kontroll tal-kwalità u l-miżuri għall-assigurazzjoni tal-kwalità għandhom jiżguraw il-kompletezza u l-korrettezza tas-sistema għall-ipproċessar tad-dejta.

3. Il-kapaċitajiet tal-ipproċessar tad-dejta għandhom jinkludu wkoll:

- (a) Il-provvediment ta' listi ta' inventarji li jippermettu l-iċċekkjar tal-inventarju mill-operatur.
- (b) Listi tal-inventarju li jipprovdu kull informazzjoni neċessarja biex jiġu identifikati diskrepanzi bejn il-postijiet deskritti fir-rekords u l-post fiżiku reali.
- (c) Appoġġ għar-rikonċiljazzjoni regolari tar-rekords lokali u r-rekords ċentrali tal-MBA, meta l-kontabilità tal-materjal nukleari fi proċess tinvolvi ħażna separata ta' dawn ir-rekords.
- (d) Il-possibilità li jiġu inklużi korrezzjonijiet li jirriżultaw mill-investigazzjoni tad-diskrepanzi għall-iċċekkjar u r-rikonċiljazzjoni tal-inventarju.
- (e) Id-dokumentazzjoni tar-riżultati tal-iċċekkjar tal-inventarju u r-rikonċiljazzjoni tal-bażi tad-dejta, fosthom id-dokumentazzjoni tad-diskrepanzi misjuba għall-iskop tal-indikaturi tal-prestazzjoni.

4. Il-proċeduri għall-attivitajiet ta' tweekq tal-ipproċessar tad-dejta għandhom jipprovdu informazzjoni superviżorja lill-amministratur tas-sistema tan-NMAC. Din għandha tinkludi l-impjegati li jibdeu kull eżekuzzjoni tas-sofwer, l-identifikazzjoni tal-programm(i) ta' applikazzjoni involut/i kif ukoll l-identifikazzjoni tal-post tal-inputs tad-dejta użati u l-post tal-outputs tad-dejta maħluqa. Għandu jkun possibbli wkoll li tiġi identifikata kull eżekuzzjoni ta' sofwer ta' applikazzjoni jew li jiġi identifikat kull aċċess għal rekords jew dejta li ma jikkonformawx mal-politika dwar l-ipproċessar awtorizzat tad-dejta.

It-traċċabilità

5. Is-sistema tal-ipproċessar tad-dejta għandha tipproduċi l-informazzjoni meħtieġa mir-Regolament (Euratom) Nru 302/2005 u żżomm ukoll it-traċċabilità għall-informazzjoni kollha pprovdata. Għandu jkun possibbli li tiġi identifikata kull informazzjoni jew dejta li tista' tkun meħtieġa biex issolvi diskrepanzi u anomaliji li jirriżultaw mir-rekwiżiti tar-Regolament (Euratom) Nru 302/2005.

Taqsim 7 – Il-Bilanċ tal-Materjali

L-Ilqugħ u l-Kunsinni

1. L-operaturi nukleari għandhom japplikaw proċeduri ta' lqugħ li jinkludu:

- (a) Il-kontroll tal-informazzjoni dwar min jibgħat (kompletezza, awtokonsistenza).
- (b) Il-kontroll tan-natura, l-identità u l-integrità tal-kontenitur tat-trasport u s-siġilli u l-kontroll inizjali tan-natura tal-materjal nukleari (meta xieraq).

- (c) L-introduzzjoni tal-materjal riċevut fil-proċess tal-kontabilità. dawn jiġu trasmessi lid-dipartiment għall-ipproċessar tad-dejta.
- (d) L-għarfien u t-trattament tad-differenzi bejn min jibgħat u min jirċievi. (e) Il-lista MBA tal-oġġetti tal-inventarju ppreżentata lill-ispetturi tal-Kummissjoni bħala bażi għall-PIV għandha tiġi awtentikata bil-firma ta' persuna responsabbli qabel ma tiġi kkunsinjata.
- (e) Azzjonijiet korrettivi fil-każ ta' diskrepanzi. (f) F'approċċ ta' PIT għal żona ta' ħażna li jibbaża kompletament fuq rekords tat-trasferimenti, il-kredibilità tal-approċċ għandha tiżded billi jkun hemm:
- (f) Ir-reġistrazzjoni b'mod li tiggarantixxi t-traċċabilità. (i) Provvedimenti ta' QC u QA għall-ħolqien ta' rekords tat-trasferimenti.
- (g) Assigurazzjoni li l-obbligi stipulati fl-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament (Euratom) Nru 302/2005 jiġu rispettati. (ii) Miżuri ta' QC u QA li jiżguraw rekords affidabbli tal-postijiet ta' ħażna.
2. L-operaturi nukleari għandhom japplikaw proċeduri ta' kunsinna li jiddefinixxu: (iii) Reġistrar regolari tal-fatt li dawn il-provvedimenti u l-miżuri ta' QA u QC twettqu.
- (a) Il-kontenut tal-informazzjoni li tintbagħat lir-riċevitur. (iv) Assigurazzjoni tal-integrità tal-materjali meta jkunu fiż-żona.
- (b) Kif għandha tiġi aġġornata l-kontabilità. (v) Konferma indipendenti li r-rekords tat-trasferimenti huma kompleti.
- (c) L-azzjonijiet korrettivi u r-reazzjoni xierqa għal sitwazzjonijiet ta' diskrepanza indikati mir-riċevitur. 4. Il-lista tal-oġġetti tal-inventarju għal skopijiet ta' verifika formali għandha tinkludi għal kull oġġett:
- (d) Il-preparazzjoni u t-twettiq tal-proċess ta' kunsinna. (a) Il-post u l-pożizzjoni tal-ħażna fil-post.
- (e) Iż-żamma tar-rekords b'mod li jiggarantixxi t-traċċabilità. (b) It-tip ta' kontenitur u l-identità tal-kontenitur (jekk rilevanti).
- (f) Attivitajiet li jiżguraw li l-obbligi stipulati fl-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament (Euratom) Nru 302/2005 jiġu rispettati. (c) It-tip ta' materjal.

It-Twettiq ta' Inventarju Fiżiku (PIT)

3. Kull sena kalendarja għandu jsir inventarju fiżiku ta' kull MBA u l-perjodu bejn żewġ sessjonijiet suċċessivi tat-twettiq tal-inventarju fiżiku ma' għandux jaqbeż 14-il xahar. Il-proċeduri tal-PIT għandhom jinkludu dawk għar-rappurtar lill-Kummissjoni u l-għoti tal-lista tal-oġġetti tal-inventarju għall-verifiki tal-inventarju fiżiku (PIV). B'mod partikolari, l-operaturi nukleari għandu jkollhom proċeduri ta' PIT li jikkunsidraw il-ħtiġijiet li ġejjin:

- (a) Id-definizzjoni tal-metodi ta' ħidma għall-PIT u r-responsabbiltajiet għal kull żona ta' ħażna u żona ta' proċess. (d) Il-massa ta' materjal nukleari għal kull oġġett (piż gross, tara u nett).
- (b) L-istabbiliment ta' lista affidabbli oġġett b'oġġett tal-materjal kollu f'kull post tal-MBA. Proċeduri bħal dawn għandhom jifasslu b'mod li jiġi żgurat li ma jitħalla barra l-ebda materjal. (e) L-arrikkiment tal-uranju.
- (c) L-eżekuzzjoni tat-twettiq tal-inventarju fiżiku trid tiġi rreġistrata. (f) Il-kompożizzjoni iżotopika tal-plutonju (jekk disponibbli).
- (d) Jekk ikun hemm attivitajiet ta' PIT li jinvolvu kontrolli fiżiċi (kontroll tat-tikketti jew kejl), il-proċeduri għandhom jinkludu regoli biex jiġu definiti l-korrezzjonijiet meħtieġa għall-informazzjoni fis-sistemi tal-ipproċessar tad-dejta (meta jinstabu diskrepanzi) kif ukoll regoli biex korrezzjonijiet bħal

Il-lista tal-oġġetti tal-inventarju għandha tinkludi entrati għal materjal li diffiċli jitkejjel jew minħabba l-post tiegħu (sostenn għar-riċipjent tal-proċess) jew minħabba li jkun f'forma li ma tkunx adattata biex titkejjel. F'każijiet bħal dawn, l-operatur għandu jiddikjara firxa stmata tal-massa għal kull oġġett u t-traċċabilità għandha tipprovdri r-rabta mad-dejta li ntużat għall-istima. L-istimi tal-massa għal materjal li ma jkunx aċċessibbli jew freċipjenti tal-proċess għandhom jinkludu l-post tal-materjal. Il-valuri tal-massa għal rimi mkejjel, telf aċċidentali u trasferimenti għall-iskart għandu jkollhom storja li tista' tiġi traċċata.

Testijiet tal-Bilanċ Materjali

5. FMBA li jinvolvi pproċessar jew kejl mill-ġdid, il-bilanċ materjali dderivat minn PIT, u anke l-bilanċi materjali taż-żona ta' proċess li jiffurmaw parti minn approċċ ta' kontroll tal-inventarju, għandhom jiġu ttestjati għall-aċċettazzjoni billi jintużaw devjazzjonijiet standard tal-bilanċ li jqisu l-inċertezza ġustifikata fil-kejl u fil-każ ta' ammonti stmati, l-inċertezza fil-proċess u l-kejl. Dawn it-testijiet għandhom ikunu parti integrali mis-sistemi tal-QA.

Il-proċeduri għal kwalunkwe test tal-bilanċ għandhom iqisu dawn li ġejjin:

- (a) Is-softwer biex tinħadem id-devjazzjoni standard ta' kwalunkwe bilanċ għandu jaqa' taħt l-approċċ tal-kwalità għas-softwer u l-użu tiegħu.
- (b) Id-dejta dwar il-metodu ta' kontabilità u kejl użat biex tinħadem id-devjazzjoni standard ta' kwalunkwe bilanċ għandha taqa' taħt l-approċċ tal-kwalità għad-dejta u l-użu tagħha.
- (c) L-algorizmi użati biex tinħadem id-devjazzjoni standard għandhom jiġu deskritti f'dokument tekniku.

(d) Il-metodu għandu jipprovdi devjazzjonijiet standard tal-bilanċ li jirriflettu korrettament il-mudell tal-ipproċessar matul l-intervall tal-bilanċ u li jirriflettu korrettament ukoll l-istorja tal-kejl (jew il-metodu ta' kalkolu) tal-valuri tal-massa użati sabiex jinħadem il-bilanċ.

(e) Fejn l-istimi tal-materjal fi proċess ikunu bbażati fuq informazzjoni storika jew fuq xi tip ta' mmudellar, il-metodu ta' kalkolu u l-metodu tal-istabbiliment tal-inċertezza għandhom jiġu deskritti f'dokument tekniku.

(f) Il-proċeduri operattivi għall-ittestjar tal-bilanċ, il-gwida għall-utent tas-softwer, id-deskrizzjoni tas-softwer u d-dokumenti tekniċi tal-metodu għandhom ikunu miktubin b'mod li l-kompletezza u l-konsistenza reċiproka tagħhom tkun tista' tiġi rikonossuta.

Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 11 ta' Frar 2009.

Għall-Kummissjoni

Andris PIEBALGS

Membri tal-Kummissjoni